# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 41/17/1 FDP**

**Cecil Herbert Jones**

**v.**

**L-Avukat Generali u b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2017 gew ammessi bhala intervenuti fil-kawza Charles Grech u Maria Dolores Grech**

**Provvediment dwar talba għar-rikuża.**

1. L-appellant talab għar-rikuża tal-Prim'Imħallef Mark Chetcuti u l-Imħallef Anthony Ellul.

**Fatti**.

2. Il-fatti prinċipali għall-finijiet ta' dan il-provvediment huma s-segwenti:

i. Fit-2 ta' Marzu 2017 kien preżentat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament fl-ismijiet **Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones** (numru 360/2017).

ii. Fis-6 ta' Marzu 2017 il-Qorti laqgħet it-talba u nħareġ il-mandat ta' żgumbrament.

iii. Fis-26 ta' Mejju 2017 l-appellant ippreżenta kawża Kostituzzjonali (**Cecil Herbert Jones v. Avukat Ġenerali**, numru 41/2017) li fiha allega li kien sofra ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta l-Qorti tal-Appell komposta mill-istess Imħallfin li ddeċidiet l-appell li għamel fil-kawża 1267/07, ċaħdet talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza taħt l-Art. 823 tal-Kap. 12 u dik l-istess Qorti bdiet tisma' l-proċeduri ta' ritrattazzjoni. L-appellant isostni li l-Imħallfin li kienu qegħdin jippresjedu fil-Qorti tal-Appell kellhom jilqgħu t-talba għar-rikuża minħabba li kienu l-istess Imħallfin li ppresjedew fil-Qorti tal-Appell li tat is-sentenza fl-appell 1267/07 tad-29 ta' April 2016.

iv. B'digriet moghti fid-29 ta' Mejju 2017 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-kawża Kostituzzjonali **Cecil Herbert Jones v. Avukat Ġenerali**

(41/2017), iddeċidiet li *"... tilqa' proviżorjament, din it-tielet (3) talba...."*. Talba li biha Jones talab lill-Qorti sabiex *"tordna t-twaqqif tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 li qed jilmenta dwarha r-rikorrent...."*.

v. B'digriet tal-1 ta' Awwissu 2017 l-istess Qorti ħassret id-digriet tad-29 ta' Mejju 2017 minħabba li qalet li *"hu irritwali u irregolari"*.

vi. Fit-13 ta' Lulju 2017 l-appellant ippreżenta rikors fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament li bih talab għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat sakemm tkun deċiża l-kawża Kostituzzjonali (**Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones** 360/17).

vii. B'digriet mogħti fil-31 ta' Lulju 2017 il-Qorti ċaħdet it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament peress li l-liġi kienet tikkontempla biss is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv fil-każ ta' bejgħ b'subbasta (Art. 326 tal-Kap. 12), u għalhekk *".... it-talba hi irrita u r-rikorrenti għandu jitlob rimedju li tagħti l-Liġi senjatament dawk provduti fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali. L-eżekutant għandu titolu eżekuttiv li ma jistax jiġi attakkat qabel l-eżekuzzjoni tiegħu kemm-il darba jintalab ir-revoka u mhux il-każ odjern"*.

viii. B'rikors preżentat fit-2 ta' Lulju 2018 fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament, l-eżekutanti Charles u Maria Dolores konjuġi Grech ippremettew li l-mandat ta' żgumbrament ġie eżegwit bi sgass, u talbu li jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra Cecil Herbert Jones talli fil-fond ħalla dak li ddiskrevewh bħala *"imbarazz"*. B'digriet moghti fit-3 ta' Lulju 2018 il-Qorti ċaħdet it-talba.

ix. Fl-24 ta' Novembru 2020 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet il-kawża Kostituzjonali billi ċaħdet it-talbiet ta' Cecil Herbert Jones li fil-11 ta' Diċembru 2020 appella mis-sentenza.

x. B'żewġ noti, waħda preżentata fit-28 ta' Jannar 2020 u oħra preżentata fid-29 ta' Jannar 2020, l-appellant talab għar-rikuża tal-Prim'Imħallef Mark Chetcuti u tal-Imħallef Anthony Ellul għar-raġuni li jissemmew fl-istess noti.

**Konsiderazzjoni**.

3. Fit-talba għar-rikuża l-appellant ma jsemmi l-ebda waħda mir-raġunijiet li jissemmew fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12. Fir-realta` l-ebda waħda mir-raġunijiet li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni m'huma relevanti għat-talba tal-appellant. Hu minnu wkoll li skont l-Art. 733 tal-Kap. 12 l-Imħallfin ma jistgħux jiġu rikużati jew jastjenu *".... ħlief għal xi waħda mir-*

*raġunijiet hawn wara msemmijin”*. Madankollu l-liġi għandha tiġi applikata b’mod li tkun konformi mal-jedd ta’ kull parti f’proċeduri ġudizzjarji li tingħata smigħ xieraq.

4. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellant għamel enfażi fuq is-sentenza **<u>Micallef v. Malta</u>** (17056/06) tal-15 ta’ Ottubru 2009 tal-Grand Chamber, Qorti Ewropea. Dik il-Qorti qalet:

> *“96. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge’s conduct, there are <u>ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified</u> (see Wettstein, cited above, § 44, and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III)”.*

5. Fil-każ tal-Prim’Imħallef it-talba għar-rikuża saret minħabba d-digriet moghti li fil-31 ta’ Lulju 2017 li bih kienet miċħuda t-talba tar-rikorrent għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta’ żgumbrament 360/2017 fl-ismijiet **<u>Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones</u>** diment li l-kawża Kostituzzjonali kienet għadha tinstema’. Mill-atti hu evidenti li l-Prim’Imħallef ma kien bl-eba mod involut fil-kawża **<u>Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones</u>** (Rikors 1267/07), kemm fl-ewwel stadju u mbagħad fil-Qorti tal-Appell. Kien biss fl-istadju tal-eżekuzzjoni tas-sentenza meta kienet ġudikat, li ġie assenjat lilu r-rikors tal-appellant preżentat fit-13 ta’ Lulju 2017 b’talba għas-sospensjoni tal-mandat ta’ żgumbrament. Rikors li sar fl-atti tal-mandat ta’ żgumbrament.

6. Hu minnu li meta ngħata digriet tal-31 ta' Lulju 2017 kien għadu fis-seħħ id-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-kawża Kostituzzjonali tal-lum li bih dik il-Qorti ordnat:

> *"Rat ir-rikors datat is-26 ta' Mejju 2017, li fih, fit-tielet (3) talba tal-istess intalbet it-twaqqif tal-vjolazzjoni hemm allegata mir-rikorrenti.*
>
> *"Illi in vista tal-istess, tilqa' proviżorjament din it-tielet talba, u tappunta l-kawża....."*.

7. Madankollu li ma qalx l-appellant hu li:

i. Il-kwistjoni li trid tiġi determinata fil-kawża Kostituzzjonali m'għandha x'taqsam xejn mad-digriet tal-31 ta' Lulju 2017.

ii. Fir-rikors tat-13 ta' Lulju 2017 li bih l-appellant talab is-sospensjoni tal-mandat ta' żgumbrament, m'għamel l-ebda referenza għad-digriet li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fid-29 ta' Mejju 2017 fil-kawża Kostituzzjonali. Kull ma semma hu li kien ippreżenta kawża Kostituzzjonali *".... fuq l-meritu tal-mandat"*;

iii. Fil-31 ta' Lulju 2017 ma kien hemm l-ebda ordni tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla li laqgħet ir-raba' talba tar-rikors promotur tal-kawża Kostituzzjonali li jaqra hekk, *"(4) tagħti r-rimedji xierqa 'ad interim', inkluż it-twaqqif tal-mandat ta' żgumbrament numru 360/17 li nħareġ u*

*qed jistrieħ fuq deċiżjonijiet li jivvjolaw id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq"*;

iv. Bid-digriet tal-31 ta' Lulju 2017 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talba għas-sospensjoni tal-mandat ta' żgumbrament minħabba li proċeduralment talba bħal dik m'hijiex kontemplata fil-liġi. L-istess Qorti għamlitha ċara fid-digriet li *".... r-rikorrenti għandu jitlob rimedju li tagħti l-Liġi senjatament dawk provduti fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali"*. Inoltre d-digriet ma kkonsidrax il-kwistjoni bejn Grech u Jones fil-meritu u wisq inqas il-meritu tal-kawża Kostituzzjonali li kien dwar ir-rifjut tal-Imħallfin li jilqgħu t-talba għar-rikuża fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni u fit-talba tal-appellant sabiex il-Qorti tal-Appell tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza;

8. Inoltre, l-iżgumbrament ta' Jones ma' seħħx bl-imsemmi digriet iżda bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv (sentenza) li kellhom il-konjuġi Grech u d-digriet li ngħata fis-6 ta' Marzu 2017 li bih intlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' żgumbrament. L-appellant lanqas ma qal li l-eżekuzzjoni tal-mandat saret fl-1 ta' Awwissu 2017, ċioe` fl-istess jum li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-kawża Kostituzzjonali rrevokat id-digriet li tat fid-29 ta' Mejju 2017.

9. Wara li l-Qorti qieset dawn iċ-ċirkostanzi tikkonkludi li t-talba għar-rikuża tal-Prim'Imħallef m'għandhiex bażi legali.

10. Fil-każ tal-Imħallef Anthony Ellul it-talba għar-rikuża hi bażata fuq il-fatt li fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament 360/2017 ta digriet fit-3 ta' Lulju 2018 li jaqra:

> *"Il-Qorti,*
> *Rat ir-rikors;*
> *Tiċħad it-talba ġialadarba mhijiex konvinta mir-raġunijiet tar-rikorrenti"*.

11. Li ma qalx l-appellant hu li dak id-digriet ingħata b'referenza għar-rikors tat-2 ta' Lulju 2018 li ppreżentaw l-eżekutanti Charles Grech et u li bih talbu li jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra l-appellant Cecil Herbert Jones talli fil-fond oġġett tal-mandat ta' żgumbrament ħalla dak li ddeskrivew bħala *"imbarazz"*. Talba li ġiet miċħuda bid-digriet li a bażi tiegħu l-appellant qiegħed jitlob ir-rikuża tal-ġudikant.

12. Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li b'dak id-digriet l-Imħallef Ellul esprima xi fehma dwar il-meritu tal-appell tal-lum fejn l-ilment hu dwar il-fatt li l-Imħallfin li kienu fil-Qorti tal-Appell li ddeċidiet il-kawża **<u>Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones</u>** (1267/07) tad-29 ta' April 2016, kienu l-istess Imħallfin li kienu fil-Qorti tal-Appell li ċaħdet it-talbiet ghas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza u għar-ritrattazzjoni.

13. Bil-provvediment li ngħata fit-3 ta' Lulju 2018 ma jistax jeżisti xi dubju leġittimu dwar jekk l-Imħallef Ellul ser ikun imparzjali waqt is-smigħ tal-appell, u t-talba għar-rikuża ser tiġi miċħuda. Il-meritu tar-rikors li dwaru ngħata digriet tat-3 ta' Lulju 2018 assolutament m'għandu x'jaqsam xejn mal-meritu tal-appell li ser jinstema' mill-Qorti Kostituzzjonali. Dan apparti l-fatt li b'dak id-digriet ma ngħatat ebda ordni kontra Jones.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba għar-rikuża bl-ispejjeż kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm